

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u G. Gattinara, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad it-talba tar-rikorreni sabiex il-kuntratt tagħha ta' membru tal-persunal awżiljarju bil-kuntratt jiġi klassifikat mill-ġdid bħala kuntratt ta' membru tal-persunal temporanju għal żmien indeterminat.

Dispożittiv

- (1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament infondat fid-dritt.*
- (2) *M-P. Palleschi għandha tbat i-ispejjeż tagħha u hija kkundannata għall-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

⁽¹⁾ ĠU C 389, 15.12.2012, p. 9.

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Lulju 2013 — ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-65/13)

(2013/C 377/56)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: L. Mansullo, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett

L-annullament taċ-ċaħda tat-talba tar-rikorrent indirizzata lill-Kummissjoni intiża sabiex din tal-aħħar tagħtili is-somma ta' EUR 10 000 minħabba l-allegat dannu li kien sofra minħabba li ntbagħtet ittra li informatu, b'mod partikolari, li l-Kummissjoni kkumpensat it-talbiet tiegħu ta' rimbors tal-ispejjeż, li għalihom kienet ġiet ikkundannata l-Kummissjoni, permezz tas-somom li kellu jagħti lill-Kummissjoni

Talbiet tar-rikorreni

- jannulla d-deċiżjoni li tiċħad, irrispettivament mill-mod ta' kif din ġiet ifformata, it-talba għal kumpens tal-20 ta' Ġunju 2012, li tinsab fin-nota tal-20 ta' Ġunju 2012;
- jannulla n-nota tas-27 ta' Awwissu 2012 li għandha r-referenza, li tinsab fil-parti leminija ta' fuq tat-tielet paġna, "Ref.Ares(2012)1003126 — 27 ta' Awwissu 2012", nota li r-rikorrent irċieva fid-9 ta' Ottubru 2012;
- sa fejn huwa meħtieġ, jannulla d-deċiżjoni li tiċħad, irrispettivament mill-mod ta' kif din ġiet ifformata, l-ilment tal-24 ta' Ottubru 2012;
- sa fejn meħtieġ, jannulla n-nota tal-11 ta' Frar 2013 li għandha r-referenza, HR.D.2/MB/ac 170184, redatta bit-Taljan, li hija kkostitwita minn żewġ folji datilografici fuq wara, li r-rikorrent irċieva fit-22 ta' Marzu 2013;
- jikkundanna lill-Kummissjoni biex tagħti lir-rikorrent is-somma ta' EUR 10 000 flimkien mal-interessi bir-rata ta' 10 % fis-sena b'kapitalizzazzjoni annwali mill-21 ta' Ġunju 2012 u sal-jum li fih tingħata s-somma indikata iktar 'il fuq;
- jikkundanna lil Il-Kummissjoni għall-ispejjeż.